# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 19**

**Rikors numru 717/15/1 LM**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**v.**

**Massimiliano Gatt u Zenia Patricia Gatt**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan il-każ jirrigwarda ***FlexiCredit Loan***[1] fl-ammont ta' €21,500 mogħti mill-Bank attur lill-konvenuti skont kuntratt datat 19 ta' Awwissu 2010[2]. Il-konvenuti kienu qegħdin jaqgħu lura fil-pagamenti u minkejja li

[1] Kont nru 075-020156-302
[2] **Dok A**, fol 6 et seq

l-Bank ikkomunika magħhom[3] għall-ħlas/sabiex tiġi diskussa l-pożizzjoni tagħhom, huma baqgħu inadempjenti. Fit-18 ta' Ġunju 2015 il-bilanċ pendenti kien ta' €24,423.79 (€19,331.23 in linea ta' kapital u €5,092.56 in linea ta' imgħax); għalhekk fis-27 ta' Lulju 2015 il-Bank intavola l-kawża odjerna fejn talab biex il-konvenuti:

i. Jiġu dikjarati debituri solidalment bejniethom fil-konfront tiegħu fl-ammont globali ta' €24,423.79;

ii. Jiġu kkundannati jħallsuh is-somma globali ta' €24,423.79 solidalment bejniethom;

iii. Jiġu kkundannati jħallsuh l-imgħax ulterjuri ta' 8% fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mid-19 ta' Ġunju 2015.

4. Fis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2016 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-Bank attur għajr fir-rigward tad-data minn meta beda jiddekorri l-imgħax ulterjuri, in kwantu ordnat li kellu jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-19 ta' Ġunju 2015 kif mitlub fit-tielet talba (dan billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Zenia Patricia Gatt limitatament f'dan ir-rigward).

[3] **Dok C**, fol 11 – ittra datata 17 ta' Novembru 2011 mibgħuta mid-difensur tal-Bank; u **Dok D**, fol 12 ittra datata 27 ta' Lulju 2012 mibgħuta mis-Senior Credit Officer tas-Central Debt Recovery Unit.

5. Il-Bank attur ħassu aggravat minn tali deċiżjoni u għalhekk fit-28 ta' Ottubru 2016 interpona l-appell odjern fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tiegħu u wkoll it-tielet talba in kwantu ntalab il-ħlas tal-imgħax ulterjuri, u tirrevoka l-parti fejn laqgħet limitatament it-tieni eċċezzjoni ta' Zenia Patricia Gatt fir-rigward tad-data minn meta japplika l-imgħax ulterjuri u minflok tilqa' it-tielet talba tiegħu fl-intier tagħha (cioe` li l-imgħax ulterjuri jiddekorri mid-19 ta' Ġunju 2015).

6. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata:

"**Il-Qorti,**

*Rat ir-Rikors Maħluf ta'* ***HSBC Bank Malta p.l.c****. (minn issa 'l quddiem "il-Bank attur") ippreżentat fis-27 ta' Lulju, 2015, li jaqra hekk:*

*1. Illi l-konvenuti konjuġi Gatt huma debituri tal-Bank attur fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf u erbgħa mija u tlieta u għoxrin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€24,423.79) dovuti lill-istess Bank inkwantu għal wieħed u għoxrin elf u ħames mitt Euro (€21,5000) lilhom mislufa skont kuntratt ta' Personal Term Credit Agreement tad-19 ta' Awwissu, 2010 bħala self għal xiri ta' vettura BMW (FlexiCredit Loan maħruġa fl-20 ta' Awwissu, 2010) (anness u mmarkat bħala Dok. A) u l-bilanċ ta' ħamest elef u tnejn u disgħin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmi (€5,092.56) bħala imgħax fuq din is-somma u dan kif jirriżulta mill-istatement anness u mmarkat bħala Dok. B;*

*2. Illi l-konvenuti ġew interpellati għall-ħlas permezz ta' ittra legali tas-17 ta' Novembru, 2011 fejn il-Bank rikorrenti tahom lopportunità sabiex jitkellmu u jikkuntattjaw lill-'Customer Credit Services' bħala ġest ta' buona fede (annessa u mmarkata bħala 'Dok. C') kif ukoll permezz ta' ittra legali oħra datata 27 ta' Lulju, 2012 (annessa u mmarkata bħala 'Dok. D') iżda huma baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant, il-Bank rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti*

*sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*1) Tiddikjara illi l-konvenuti solidament bejniethom huma debituri fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' €24,423.79 dovuta kif qabel spjegat;*

*2) Tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom iħallsu l-imsemmija somma globali ta' €24,423.79;*

*3) Tikkundanna lill-istess konvenuti solidament bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mid-19 ta' Ġunju, 2015 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Zenia Patricia Gatt** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta") ippreżentata fil-21 t'Awwissu, 2015 li taqra hekk:

*1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi fit-tieni lok qed tiġi eċċepita n-nullità tal-ittra uffiċjali bin-numru 945/15 li ġiet preżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) stante illi l-ammont mertu tal-ittra uffiċjali huwa oltre l-ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87);*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed tiġi eċċepita wkoll in-nullità tal-azzjoni odjerna stante illi l-intimata qatt ma ġiet interpellata għall-ħlas b'att ġudizzjarju validu;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed tiġi eċċepita wkoll in-nullità tal-azzjoni attriċi peress illi l-ittra uffiċjali ma ġietx debitament notifikata lill-intimat Massimiliano Gatt;*

*5. Illi ulterjorment u mingħajr preġudizzju għall-premess, jingħad li l-intimata Zenia Patrica Gatt ma ġietx notifikata bl-ittri legali datati 17 ta' Novembru, 2011 u 27 ta' Lulju, 2012 stante li ilha snin li telqet minn dak il-fond;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, qed tiġi eċċepita wkoll in-nullità tal-azzjoni attriċi stante li hija ma ġietx notifikata kif imiss. L-esponenti hija ċittadina Ingliża u għalkemm tirrisjedi ġewwa Malta hija ma tifhimx bil-lingwa Maltija. Hija ma ġietx notifikata bit-traduzzjoni tal-atti fil-lingwa Ingliża u dan minkejja l-fatt li hija ġibdet l-attenzjoni tal-bank rikorrenti fin-nota tagħha għall-ittra uffiċjali ppreżentata mill-istess;*

*7. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, hija qed tikkontesta t-talba attriċi stante li fil-konfront tagħha l-istess talba hija infondata fil-fatt u fid-dirtt peress li inter alia l-ammont mitlub mhux dovut minnha peress illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejnha u bejn żewġha Massimiliano Gatt tali dejn ġie assunt fl-intier tiegħu mill-istess Massimiliano Gatt;*

*8. Illi l-istanti tgħid li f'kull każ, it-talba magħmulha mill-Bank rikorrent hija intempestiva u anki vessatorja stante illi sa ftit ġimgħat qabel ma saret din it-talba l-istess intimat Massimiliano Gatt u l-istess rikorrent kienu f'komunikazzjoni dwar modalitajiet ta' ħlas lura tas-self, iżda f'daqqa waħda u bla preavviż, il-Bank mar jintenta din l-azzjoni intempestiva;*

*9. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetajiet rikorrenti.*

Rat li l-konvenut **Massimiliano Gatt** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni iżda baqa' kontumaċi u li għalkemm ġie mogħti għaxart ijiem sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12, huwa naqas li jagħmel dan.

Semgħet ix-xhieda u rat d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-partijiet li dehru fil-kawża;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-konvenuta għamlet għadd ta' eċċezzjonijiet ta' nullità:

(i) Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha ġiet eċċepita n-nullità tal-ittra uffiċjali numru 945/15 billi ġiet ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati minflok fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Huwa minnu li n-nullità tal-atti ġudizzjarji tappartjeni għall-infanzja tad-dritt u hija abberranti għas-sistema legali tal-lum. B'danakollu, atti li joħorġu minn Qorti li m'għandhiex kompetenza huma, skont dispożizzjoni espressa tal-liġi nnifisha – l-Artikolu 789(1)(b) tal-Kap. 12 – nulli. Minkejja dan, il-liġi nnifisha, trattab uħud mill-effetti loġiko-ġuridiċi konsegwenzjali għal din in-nullità. Hekk l-Artikolu 2129 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li:

> *"Il-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba, il-protest, jew att ġudizzjarju ieħor ikunu nulli minħabba difett ta' forma, jew minħabba li jkunu ġew ippreżentati quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti".*

Il-Qrati tagħna mbagħad salvaw l-effetti ta' ittra uffiċjali għall-fini ta' preskrizzjoni li nħarġet kontra isem żbaljat tas-soċjetà kummerċjali

intimanda – **Korporazzjoni Enemalta vs. Elbros Construction Limited** 19.11.2004 Prim'Awla (GCD) u meta l-Kontrollur tad-Dwana, minħabba lapsus calami semma li kien qiegħed jitlob il-ħlas ta' *levy* minflok *dazju* – **Il-Kontrollur tad-Dwana vs. John G. Hayes** 28.01.2004 Prim'Awla (PS). B'danakollu, il-liġi ma tagħmel l-ebda eċċezzjoni għall-fini tad-dekorriment tal-imgħax. Skont l-Artikolu 1141 tal-Kap. 16 jekk l-obbligazzjoni ma tkunx ta' xorta kummerċjali, l-imgħax jibda jgħaddi minn dakinhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Stabbilit li l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata quddiem Qorti li m'għandhiex il-kompetenza *rationae valoris*, ma tiswiex u għalhekk lanqas tiswa biex jibda jiddekorri l-imgħax. B'danakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, ġaladarba l-ittra ġiet notifikata, xorta waħda tiswa, salv dak li fuq ingħad, bħala avviż biex id-debitur iħallas, daqslikieku kienet missiva extra-ġudizzjarja.

(ii) Permezz tat-tielet eċċezzjoni ġiet eċċepita n-nullità tal-azzjoni billi l-intimata qatt ma ġiet interpellata għall-ħlas b'att ġudizzjarju. Kif ġjà ngħad, bħala fatt hija ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali fuq imsemmija, anke jekk din ma kinitx tiswa. Indipendentement minn dan iżda, ma hemm l-ebda ħtieġa li kawża tiġi preċeduta permezz ta' ittra uffiċjali u wisq inqas hemm is-sanzjoni estrema tan-nullità f'eventwalità bħal din.

(iii) Ir-raba' eċċezzjoni hija manifestament infondata. Bħala fatt, l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-konvenuta.

(iv) Il-ħames eċċezzjoni m'għandha l-ebda effett legali fuq dawn il-proċeduri. Jekk ma rċevietx l-ittri interpellatorji, l-ittra uffiċjali rċevietha tant li meta rċevietha marret tinnegozja ftehim mal-Bank.

(v) Illi skont l-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu tal-Ilsien Ingliż) (Kap. 189), Artikolu 5(1):

> *"Meta għandu jiġi notifikat xi att lil xi persuna li r-Reġistratur ikollu raġuni li jaħseb li tkellem bl-Ingliż, ir-Reġistratur għandu jara li ssir traduzzjoni tiegħu fl-ilsien Ingliż minn uffiċjal tar-Reġistru u n-notifika tiġi effettwata billi tiġi konsenjata kopja tal-oriġinal u t-traduzzjoni tiegħu".*

L-Artikolu 5(2) imbagħad ikompli jgħid li:

> *"Jekk, għal xi raġuni tkun li tkun, it-traduzzjoni bl-Ingliż ta' xi att bħal dak ma tiġix notifikata lil persuna li tkellem bl-Ingliż dik il-persuna tista' tagħmel fir-Reġistru, jew tibgħat lir-Reġistratur, b'kull mod, dikjarazzjoni fis-sens li hija persuna li tkellem bl-Ingliż u titlob traduzzjoni bl-Ingliż tal-att notifikat lilha".*

L-obbligu li jibgħat traduzzjoni bl-Ilsien Ingliż jaqa' mhux fuq min jippreżenta l-att, imma fuq ir-Reġistratur tal-Qorti u, jekk dan jonqos li jagħmel dan, il-persuna li tirċievi l-att għandha d-dritt li titlob traduzzjoni tiegħu. Il-konvenuta mhux biss ma talbitx li ssir

traduzzjoni, imma saħansitra ppreżentat ir-Risposta Maħlufa u n-nota ta' sottomissjonijiet bl-Ilsien Malti. Fi kwalunkwe każ, l-att imkien ma jsemmi n-nullità jekk tinkiser xi dispożizzjoni tiegħu. Is-sitt eċċezzjoni għalhekk hija ġuridikament bla ebda bażi.

(vi) Fis-seba' eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta tiċċita l-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u bejn żewġha li permezz tiegħu assuma d-dejn kollu żewġha l-konvenut. Huwa assjomatiku li l-kuntratti jorbtu biss lill-partijiet u s-suċċessuri tagħhom fit-titolu, u mhux lil terzi. Għalhekk il-ftehim[4] bejn il-konvenuti ma jista' qatt jippreġudika lill-Bank attur għax il-bank la ta l-kunsens tiegħu għall-kuntratt u lanqas kien parti fih. Skont klawżola 6 tal-kuntratt tal-Flexicredit Loan[5], il-konvenuti intrabtu solidalment bejniethom: "*We assume all obligations undertaken by this agreement jointly and severally".*

(vii) It-tmien eċċezzjoni hija li t-talba tal-Bank attur hi intempestiva u vessatorja billi "sa ftit ġimgħat qabel" il-konvenut Massimiliano Gatt u l-Bank attur kienu f'komunikazzjoni dwar modalitajiet ta' ħlas lura tas-self. Kif jidher mill-eċċezzjoni nnifisha, il-Bank attur ma qabadx u fetaħ kawża imma pprova jasal fi ftehim dwar il-ħlas lura tad-dejn. Kien biss meta fallew in-negozjati li huwa pproċeda oltre, u dan, kif jirriżulta mill-istess eċċezzjoni, lanqas għamlu minnufih imma stenna għal ftit ġimgħat. Il-Bank attur ma kellu jagħti l-ebda pre-avviż għaliex dan kien diġà mogħti permezz tal-ittra uffiċjali.

(viii)Illi l-ewwel eċċezzjoni hi li t-talbiet tal-Bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Il-Bank ipprova l-kreditu tiegħu permezz tad-dokumenti esebiti inkluż *statement* tal-ammont dovut[6] kif ukoll permezz tax-xhieda ta' Dr Ralph Agius Fernandez, li jaħdem fil-Litigation Office tal-Bank attur,[7] ta' Simon Cutajar, Senior Credit Assessor mal-istess Bank.[8]

__Decide__

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni limitatament għar-rigward tad-data minn meta beda jiddekorri l-imgħax, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha, tilqa' t-talbiet attriċi kollha għajr għar-rigward tad-data minn meta beda d-dekorriment tal-imgħax li għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.**

**Spejjeż tat-tieni eċċezzjoni a kariku tal-Bank attur. L-ispejjeż l-oħrajn a kariku tal-konvenuta.**"

[4] Kuntratt ippubblikat min-Nutar Josef Christian Masini Vento fis-27.09.2012, a fol. 51
[5] Esebit bħala Dok. A mar-Rikors Maħluf, esibit a fol 8
[6] Dok B mar-Rikors Maħluf esebit, a fol 10
[7] A fol. 18
[8] 5 A fol. 33

**Rikors tal-appell tal-Bank attur (28.10.2016):**

7. L-aggravju tal-Bank bażikament jirrigwarda d-data ta' meta jiddekorri l-imgħax ulterjuri fuq is-somma globali dovuta mill-konvenuti.

8. Isostni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi fir-rigward tat-tielet talba tiegħu (ċioe` fejn talab l-imgħax ulterjuri ta' 8% fuq il-kapital dovut[9] mid-19 ta' Ġunju 2015) li wassalha biex erronjament tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Zenia Patricia Gatt limitatament fir-rigward tad-data ta' meta kellu jiddekorri l-imgħax ulterjuri.

9. Jispjega li l-**ittra uffiċjali Nru 954/2015** li tissemma fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Zenia Patricia Gatt, li kienet ġiet ippreżentata minnu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Ġunju 2015 tirrigwarda **faċilita` bankarja oħra**, mhux il-faċilita` bankarja mertu ta' din il-kawża. F'dan ir-rigward jaċċenna kemm għax-xhieda tal-istess konvenuta Zenia Patricia Gatt fejn hija stess qalet li "*I am aware of having taken two loans with HSBC one taken in 2008 and one in 2010…*" u kif ukoll għax-xhieda ta' Simon Cutajar[10] fejn spjega li l-konvenuti kienu ħadu

---

[9] Jispjega li l-imgħax li laħaq iddekorra sad-data tal-i*statement* tat-18 ta' Ġunju 2015 (€5,092.56) ġie **kapitalizzat** permezz tar-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikolu 1142 tal-Kap 16.

[10] Simon Cutajar huwa Senior Credit Assessor fi ħdan il-Bank attur. Dan ix-xhud (affidavit a fol 33 et seq) spjega li l-konvenuti kienu ħadu żewġ loans:

(a) **Loan fl-ammont ta' €7,000** li ngħatat għal skopijiet ta' rifinanzjament u għal "further studies" (Dok SC2, fol 39 et seq) - ftehim datat 12.01.2008 – kont numru **075-020156-301**

(b) **Loan fl-ammont ta' €21,500** li ngħatat għax-xiri ta' vettura BMW - kont numru **075-020156-302** (dan is-self jirrigwarda l-kawża odjerna)

żewġ faċilitajiet bankarji differenti.

10. Il-Bank appellant jenfasizza li l-*istatement* Dok D jindika d-data li fiha jispiċċa l-imgħax sempliċi (cioe` fit-18 ta' Ġunju 2015) u li għalhekk d-data tad-19 ta' Ġunju 2015 li tissemma fit-tielet talba tiegħu, hija d-data ta' meta jippretendi li għandu jgħaddi l-imgħax ulterjuri.

11. Jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti mhux biss ħadet konjizzjoni ta' ittra uffiċjali li ma tikkonċernax is-self mertu ta' din il-kawża, iżda kienet ukoll żbaljata meta kklassifikat l-obbligazzjoni bħala waħda mhux kummerċjali. Huwa jargumenta li l-faċilita` bankarja kellha tiġi kklassifikata bħala att kummerċjali ai termini tal-Artikolu 5(b)[11] tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiċċita wkoll mis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2008 mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank plc v. Katherine Mifsud et** fejn fir-rigward ta' *loan facility* ġie ritenut hekk:

> *"Kif osserva l-bank appellat fir-risposta tal-appell tiegħu, hawnhekk si tratta ta' operazzjoni kummerċjali peress li kull operazzjoni bankarja hija oġġettivament att tal-kummerċ skont l-Artikolu 5(b) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jistipula illi*
>
> > *'Taħt il-liġi tal-kummerċ jaqgħu il-kummerċjanti u l-atti tal-kummerċ magħmulin minn kull persuna, ukoll jekk ma tkunx tikkummerċja.'*
>
> *Isegwi għalhekk illi f' każ bħal dan odjern hija applikabbli l-liġi tal-kummerċ."*

12. Ikompli jgħid li ladarba l-obbligazzjoni in diżamina kellha tiġi

[11] Fejn huwa dikjarat li "*kull operazzjoni bankarja*" hija att ta' kummerċ

kklassifikata bħala obbligazzjoni kummerċjali għall-finijiet tal-Kap 13, sussegwentement kellu japplika l-Artikolu 1141(1)[12] tal-Kap 12 fejn hemm stipulat li f'każ ta' obbligazzjoni kummerċjali m'hemm bżonn l-ebda interpellazzjoni b'att ġudizzjarju sabiex jiddekorru u illi kienu applikabbli l-imgħaxijiet ulterjuri ai termini tal-Artikolu 1142[13]. Jgħid li għalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonfermat li kellu japplika l-imgħax ulterjuri, kienet skorretta għal dak li jirrigwarda d-data ta' meta jibda jiddekorri.

13. Il-konvenuta Zenia Patricia Gatt debitament notifikata bir-rikors tal-appell fit-2 ta' Novembru 2016[14] u l-konvenut Massimiliano Gatt debitament notifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni (30 ta' April 2021) u l-pubblikazzjoni (Gazzetta tal-Gvern 20 ta' April 2021/The Malta Independent 5 ta' Mejju 2021) baqgħu ma ppreżentaw l-ebda risposta.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

14. Din il-Qorti tosserva li l-ittra uffiċjali nru 945/15 li tissemma fit-tieni

---

[12] **L-Art 1141(1)** jaqra hekk:

> *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita."*

[13] **L-Art. 1142** jaqra hekk:

> *"L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena".*

[14] Ara riferta a fol 65 (tergo) fejn jingħad li r-rikors tal-appell ingħata personalment (indirizz 331, Harmony, Flat 3, Triq it-Turisti, Qawra)

eċċezzjoni tal-konvenuta ma tinstabx fl-atti. Tosserva wkoll li kif jgħid il-Bank appellant, huwa qatt ma għamel aċċenn għall-imsemmija ittra uffiċjali, la fir-rikors ġuramentat u lanqas fil-provi prodotti minnu. Anzi jgħid li l-imsemmija ittra uffiċjali (li skont il-konvenuta tirrigwarda ammont li jisboq l-€11,646.87, cioe` jisboq l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati li ġiet ippreżentata quddiemha) tirrigwarda faċilita` bankarja oħra, cioe` dik ta' €7,000 li ttieħdet fl-2008. Jekk dan hux minnu jew le ma jistax jiġi verifikat minn din il-Qorti, ladarba ma saret ebda prova dwar dan.

15. Fil-fatt it-teżi tal-Bank attur hija li huwa ma għamel l-ebda interpellazzjoni permezz ta' ittra uffiċjali fir-rigward tas-somma mertu ta' din il-kawża: l-argument tiegħu fil-fatt hu li sabiex jiddekorri l-imgħax ulterjuri ma kellux għalfejn jagħmel interpellazzjoni għaliex trattandosi s-self in kwistjoni ta' operazzjoni bankarja, u allura att ta' kummerċ skont l-Art 5(b) tal-Kodiċi Kummerċjali, japplikaw l-Artikolu 1141(1) u l-Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili.

16. Din il-Qorti tosserva li skont it-termini tal-kuntratt tas-self il-partijiet (ċioe` il-Bank attur u l-konvenuti konjuġi Gatt) ftehmu li s-somma mislufa ta' €21,500 (u l-imgħax relattiv) kellha titħallas lura fi żmien 60 xahar "*in 60 installments of €424.19 commencing 19SEP2010 and thereafter on the same day each month, or in such installments as the Bank shall notify in writing*." Ġie mbagħad miftiehem hekk taħt l-intestatura

"***Repayments***" (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"You undertake to pay all installments as stated above on due date. You authorize the Bank to pay, from your Account Number, MT HBMT 033 209404 050, instalments in accordance with the schedule set out above. You undertake to pay all instalments as stated above on the due date as well as any other interests or charges when due. You undertake to deposit my/our income into the Account as stated above. The Bank may exercise its right to use any credit balance on other accounts held by the Bank to reduce any sums if you fail to pay under this Agreement.*
>
> *In the event that the Borrower/s fail to perform any obligation under this Agreement, you understand that the Bank has the right to charge additional interest and fees, subject to the maximum amount allowed by law.* ***The loan is for a fixed term. However, if an Event of Default (as outlined in Clause 5[15]) takes place, any sum outstanding to the Bank shall immediately be due and payable, together with all charges and expenses, all rights appertaining to the Bank shall be exerciseable and all security shall become enforceable. In such event, the Borrowers shall lose the benefit of any time granted to him for repayment and this without the necessity of any notice or other proceedings.*** *Once repaid loan facilities may not be re-ultilised."*

17. Fil-każ in kwistjoni jirriżulta li l-konvenuti sa mill-2011 u 2012 kienu diġa` qegħdin jaqgħu lura fil-pagamenti (kif anke jixhdu l-ittri hawn fuq imsemmija tas-17 ta' Novembru 2011 – Dok C; u tas-27 ta' Lulju 2012 – Dok D). Simon Cutajar (Senior Credit Assessor) fl-affidavit tiegħu kkonferma l-i*statement* esebit (Dok B) li juri li sat-<u>18 ta' Ġunju 2015</u> il-bilanċ pendenti dovut lill-Bank kien ta' **€24,423.79** (€19,331.23 mill-kapital misluf, u €5,092.56 f'imgħaxijiet). Xehed ukoll li x-xahar ta' wara li nħadem l-i*statement*, ċioe` fis-<u>17 ta' Lulju 2015</u> saret laqgħa bejn żewġ uffiċjali tal-Bank (Edward Mizzi u Marica Fenech) u l-konjuġi Gatt (bis-Sinjura Gatt assistita mill-Avv. Sarah Chircop Beck) fejn il-konjuġi Gatt

[15] Fost l-Events of Default elenkati, hemm inkluż il-morożita` fil-ħlasijiet lura.

stqarrew li ma kinux f'pożizzjoni li jħallsu d-djun ladarba Massimiliano Gatt kien ilu ma jaħdem tliet snin. Din il-laqgħa ġiet ikkonfermata mill-konvenuta stess fix-xhieda tagħha tad-9 ta' Mejju 2016:

> *"On the 17th July 2015 I confirm having had a meeting with Edward Mizzi and Marika Fenech from HSBC…. At this meeting I was informed that the loans had not been paid. My position was that the loans were still due however my ex-husband had to pay them himself as per our separation contract."*

18. Minn dan kollu jirriżulta li l-konvenuti Gatt iddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom stante li naqsu li jagħmlu l-pagamenti rikjesti skont it-termini tal-ftehim. (Fil-fatt ta' min isemmi li l-Bank jidher li kien ilu jagħti lill-konvenuti l-opportunita` li jħallsu, tant li fiż-żmien tal-i*statement* ta' Ġunju 2015 u tal-laqgħa ta' Lulju 2015 it-terminu ta' ħames snin – 60 xahar - effettivament kien fadallu ftit xhur biex jagħlaq.) Fit-termini tal-kuntratt tas-self, avverat ruħha l-kundizzjoni li tgħid li f'każ ta' xi inadempjenza, bħalma huwa l-każ ta' morożita`, is-somma kollha tiġi immedjatament "*due and payable*" mingħajr il-bżonn ta' xi avviż jew ta' proċeduri.

19. Trattandosi s-self bankarju ta' obbligazzjoni kummerċjali (kif ġie ritenut fil-każ ċitat mill-Bank appellant), u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1141(1) isegwi li l-imgħaxijiet ulterjuri jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

20. Kif fuq spjegat, fit-<u>18 ta' Ġunju 2015</u> l-interessi ġew magħluqa u

kapitalizzati mal-bilanċ fuq il-kapital pendenti, fejn irriżulta l-bilanċ globali ta' **€24,423.79**. Hawnhekk tajjeb jiġi enfasizzat li l-veraċita` tal-i*statement* per se (li effettivament jammonta għall-kotba tan-negozju ai termini tal-Kodiċi tal-Kummerċ) qatt ma ġie kkontestat.




21. Għalhekk kienet fondata t-tielet talba tal-Bank attur fejn talab l-imgħaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Ġunju 2015.

22. Issir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fid-9 ta' Mejju 2019 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc v. Paul Camenzuli et**, (1289/2018/MCH), kawża simili għal din odjerna rigwardanti self mill-bank, fejn il-Qorti laqgħet it-talba biex jiġu mħallsa mgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Diċembru 2018, ċioe` l-għada ta' meta ġie kkalkulat l-ammont globali dovut mid-debituri (bilanċ ta' kapital flimkien mal-imgħax li kien laħaq iddekorra sat-30 ta' Novembru 2018).

**DECIDE**

23. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa’ l-appell tal-Bank attur u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta qegħda tiġi miċħuda fl-intier tagħha, u t-tielet talba attriċi qed tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

24. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr